## QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tat-28 ta' Gunju 2002**

**Citazzjoni numru 2179/97 GC**

**Formosa & Camilleri Limited u dawn bhala agenti tad-ditta estera Guardian Royal Exchange Assurance Limited kif surrogat bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet ta' l-assigurat taghhom James Barry Muir u l-istess James Barry Muir f'ismu propju**

**vs**

**Rita Cassar u zewgha Leonard Cassar bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti skond digriet ta' l-20 t'Awissu 1998**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew :-

Illi l-vettura Z-2133 hija propjeta' tal-assigurat taghha u hi assigurata comprehensive mall-attur nomine hlief ghal Lm 25 "excess";

Illi fit-13 ta' Frar 1996 go B'Kara, il-konvenuta kienet qed isuq il-vettura I-0149 u kkagunat incident mal-vettura Z-2133 u kkawzat hsarat fuq din il-vettura li kienet misjuqa minnn James Barry Muir;

Illi ghal dan l-incident kienet unikament responsabbli l-konvenuta minhabba negligenza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha biss;

Illi l-attur hallas l-ammont ta' Lm1341 (elf tliet mija u wiehed u erbghin lira), u wara li gabar Lm25 "excess" jigi li nefaq Lm1316 u issa jinsab surrogat fid-dirittijiet tal-assigurat tieghu f'dan l-ammont;

Illi l-assigurat hallas minn butu Lm25 "excess";

Illi interpellata thallas, il-konvenuta baqghet inadempjenti;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex dina l-Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident stradali fuq imsemmi ghar-ragunijiet hemm citati;

2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm1341, jew somma ohra verjuri li tillikwida dina l-Qorti, kwantu ghal lm1316 effeittivament imhallas mill-attur noe u ghal liema somma jinsab surrogat fid-drittijiet tal-assigurat tieghu; u kwantu ghal Lm25 "excess" imhallsa minn James Barry Muir, jekk jinhtieg bin-nomina ta'periti;

3. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu dik is-somma hekk likwidata bhala danni;

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Mejju 1997 u bl-imghax tat-8% fuq Lm1341 millum sal-hlas effettiv;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Leonard Cassar wahdu liema nota giet sorvolata bid-digriet ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-20 ta' Awissu 1998;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet talk-konvenuti fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici ghaliex Rita Cassar ma kinitx unikament responsabbli ghall-incident in kwestjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-listya tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-atturi u lill-konvenuta;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Novembru 2001;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li fit-13 ta’ Frar 1996 sehh incident stradali gewwa Valley Road Birkirkra. Involuti f’dan l-incident oltre l-attur James Barry Muir, li kien qed isuq il-vettura tieghu numru ta’ registrazzjoni Z-2133 u l-konvenuta Rita Cassar, li kienet qed isuq il-vettura numru ta’ registrazzjoni I-0149, kien hemm vettura ohra bin-numru ta' registrazzjoni S-5793 misjuqa minn terzi u cioe' minn certu Edwin Azzopardi. Jirrizulta li l-incident sehh meta l-konvenuta baqghet diehla fuq il-vettura ta' quddiemha, cioe' dik misjuqa minn terzi, liema vettura da parti taghha giet imbuttata ghal fuq il-vettura misjuqa mill-attur Muir;

L-atturi jippretendu li l-konvenuta ghandha tigi ritenuta unikament responsabbli ghal dan l-incident u ghalhekk responsabbli ukoll ghad-danni konsekwenzjali li garbet il-karozza tal-attur Muir. Jirrizulta ukoll li l-imsemmija vettura tal-attur Muir kienet assigurata “comprehensive” mas-socjeta assikuratrici attrici, li hallset ghal parti sostanzjali tad-danni kollha li sofra l-istess attur Muir fil-vettura tieghu. Ghalhekk jirrizulta ukoll li s-socjeta assiguratrici attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-attur Muir. Din il-kawza qed issir sabiex il-konvenuti jigu kundannati ihallsu id-danni kollha sofferti fil-vettura tal-attur Muir bhala konsegwenza ta’ dan l-incident;

Da parti taghhom il-konvenuti jeccepixxu li l-konvenuta Rita Cassar ma kienitx unikament responsabbli ghall-incident in kwestjoni;

Mill-kumpless ta' provi prodotti, inkluza d-deposizzjoni tal-konvenuta Rita Cassar, jirrizulta sufficjentement pruvat li l-konvenuta Rita Cassar ghandha titqies responsabbli ghall-incident stradali in kwestjoni. Jirrizulta sufficjentement pruvat li, fil-hin tal-incident, kemm il-vettura tal-attur Muir, kif ukoll il-vettura misjuqa mit-terzi kienet wieqfa. Ghalhekk jirrizulta sufficjentement li l-konvenuta ma zammitx id-distanza necessarja mit-traffiku li kien ghaddej quddiemha u inoltre ma zammitx "a proper look out". Il-konvenuta Cassar ghalhekk hi ukoll responsabbli ghad-danni kollha li sofra l-attur Muir fil-vettura tieghu;

Fid-dawl ta' dan kollu t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti;

Kwantu ghal-likwidazzjoni tad-danni jirrizulta li s-socjeta attrici assikuratrici hallset is-somma ta' Lm1327.73 sabiex issewwew il-hsarat li garbet il-vettura tall-attur Muir, oltre li hallset Lm10 ghas-"survey report" u Lm3.45 ghar-rapport tal-Pulizija. B'kollox ghalhekk is-socjeta attrici hallset is-somma ta' Lm1341.18. Minn din is-somma trid titnaqqas is-somma ta' Lm17.78 li tirrappresenta hamsin fil-mija (50%) tal-valur tal-windscreen. F'dan ir-rigward issir ukoll referenza ghad-dikjarazzjoni li ghamlu l-partijiet fil-kors tas-seduta tat-8 ta' Novembru 2001. Ghalhekk jirrizulta li s-socjeta attrici assikuratrici hallset is-somma komplessiva ta elf tlett mija u tlieta u ghoxrin liri maltin u erbghin centezmu (Lm1323.40). Jirrizulta ukoll li l-attur Muir hallas is-somma ta' Lm153.85 (fol.5) ghal-kiri ta' karozza waqt li kienet qed tissewwa l-vettura tieghu;

Jirrizulta ghalhekk li d-danni kollha li sofra l-attur Muir bhala konsegwenza ta' dan l-incident kienu jammontaw ghas-somma komplessiva ta' elf erba mija u seba u sebghin liri maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1477.25), li minnhom is-socjeta attrici assikuratrici hallset is-somma ta' Lm1323.4 u r-rimanenti Lm153.85 gew imhallsa mill-attur Muir;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwestjoni; tillikwida d-danni kollha, li sofra tal-attur Muir bhala konsegwenza ta' dan l-incident, fis-somma komplessiva ta' elf erba mija u seba u sebghin liri maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1477.25) u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu din is-somma ta' Lm1477.25 in linea ta' danni, kwantu ghal Lm1323.40 lis-socjeta attrici assikuratrici u kwantu ghal Lm153.85 lill-attur Muir u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza;

Spejjes kollha jithallsu mill-konvenuti.